**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Awwissu 2020**

**Kumpilazzjoni numru 403/2020 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Żammit)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **CD** li ġie akkużat talli nhar il-15 ta' Awwissu 2020 bejn 1900hrs u 1930hrs ġewwa Victoria's Hotel Restaurant, f'Tas-Sliema:

1. Ikkawża lil XY ta' sbatax-il sena biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha u dan bi ksur tal-Artiklu 251(3) u 251H (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi għamel lil XY ta' sbatax-il sena inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi spjegati waqt it-trattazzjoni, il-fedina penali tiegħu, il-koperazzjoni mal-Pulizija u l-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu. Għalhekk il-Qorti se tkun qiegħda tinfliġġi piena lejn il-minimu.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251(3), 251H (d) u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **CD** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tiġi sospiża għal żmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati, permezz tat-traduttur, dwar il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

In oltre, il-Qorti qiegħda toħroġ Ordni ta' Protezzjoni favur **XY** għal żmien tliet (3) snin mil-lum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur